# Animazzjoni - It-tieni Ħadd ta’ matul is-sena (Sena Ċ)

**Dhul:**

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tat-tieni Ħadd ta’ matul is-sena. Il-liturġija ta’ dan il-Ħadd tagħmel enfasi biex aħna nisimgħu dak li jgħidilna il-Mulej u b’hekk ngħixu aktar kuntenti. Inroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li jagħmel magħna kontinwament biex inkunu nistgħu ngħixu ferħana.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Illum il-Liturġija tal-Kelma, tagħmel enfasi fuq il-grazzji li Alla jagħmel; dan narawh rispettivament mal-poplu tiegħu, mal-għarajjes fit-tieġ ta’ Kana u mal-ewwel Insara. Alla qatt ma jegħja jistenna lill-għarusa tiegħu u jitgħaxxaq biha meta din tirritorna lura għandu. Alla jgħamel dan għax iħobb bil-poplu tiegħu. Fl-Evanġelju naraw propju l-istess ħaġa, iżda din id-darba b’mod materjali. Naraw lil Ġesù jagħmel l-ewwel miraklu fit-tieġ ta’ Kana, il-miraklu li biħ fetaħ il-ħajja pubblika tiegħu. Huwa għamel dan bħala turija ta’ mħabba.
Nisimgħu b’attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Xandru fost il-popli kollha l-għeġubijiet tal-Mulej

**Offertorju:**

Il-veru paċi u sliem jiġu biss mingħand il-Mulej. Ejjew għalhekk inroddulu ħajr billi noffru l-ħidmiet tagħna permezz ta’ dawn l-offerti li sejrin intellgħu fuq l-altar.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Ġesù huwa dak li ġie fid-dinja sabiex ibiddel il-ħajja tagħna, dan narawh b’mod ċar fil-miraklu tal-inbid fit-tieġ ta’ Kana. Fit-tqarbin imqaddes, hu ukoll jidħol fina sabiex aħna nkomplu ninbidlu aktar fih.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.